lek f'rasek, l-aktar meta jkunu għadhom bla mimsusa bħal ma għadu dan l-għar.

Hekk, mela, morna daqsxejn sa Nazaret u żorna naqra lill-ħanut ta' San Ġużepp, il-Qaddis tal-Ħaddiema, li l-kobor tiegħu jista' jitqies bi ftit kliem: li fid-dinja kien jisma' minnu bħala ibnu l-Iben t'Alla!

Kbir tassew San Ġużepp, u tistħoqqlu qima kbira, u aħna l-foqra u l-ħaddiema għandna għal fejn nitkabbru bih.

FRA ĠUŻEPP.

---

IT-TIENI TAQSIMA — **IMĦABBA**

# IŻ-ŻWIEĠ TAL-MADONNA

Sikwit naqraw f'dan il-ktejjeb fuq id-drawwiet tan-nies tal-Palestina fiż-żwieġ. Għalhekk jixraq li nkunu nafu xi ħaġa wkoll fuq iż-żwieġ tal-Madonna.

L-ewwelnett għandna nżommu li Marija u Ġużeppi kienu tassew miżżewġin. L-istorja taż-żwieġ tagħhom mhix imsemmija fl-Evanġelju, imma għandna naħsbu li ż-żwieġ sar kif kien isir dak iż-żmien fil-Palestina. Fuq l-għerusija nafu xi ħaġa, imma dak li nafu jfixkel lil dawk li ma jafux id-drawwiet tal-Lhud ta' dak iż-żmien. Hekk naqraw fl-Evanġelju ta' San Mattew (1, 18-20) li meta Marija u Ġużeppi kienu għadhom għarajjes, Marija saret omm. Ġużeppi ntebaħ b'dan, u bħalu ntebħu oħrajn. Issa skond il-liġi tal-Lhud għarusa li tonqos mill-kelma lill-għarus tagħha jkun ħaqqha l-mewt. Mela l-għala lil Marija ma tawhiex il-mewt meta raw li saret omm? Tarġa' l-Evanġelju jgħidilna li Marija saret omm "qabel ma qagħdu flimkien"; mela, għandu mnejn wieħed jaħseb, wara kien hemm żmien meta Marija u Ġużeppi qagħdu flimkien bħala miżżewġin. Jekk inhu hekk, fejn hi l-verġinità ta' Marija?

Dan it-tfixkil kollu jdub jekk nagħarfu d-drawwiet taż-żwieġ ta' dak iż-żmien. Iż-żwieġ jibda bl-għerusija. Min jitħajjar minn xi xebba, jitlobha lil missierha u jiftiehmu fuq il-ħlas, għax il-għarus ikun qisu qiegħed jixtri l-għarusa. Wara l-ftehim issir laqgħa u daqsxejn ta' għors. Din il-laqgħa tfisser li l-għarus irid jieħu x-xebba b'martu u li x-xebba trid tieħu ż-żagħżugħ b'żewġha. Wara din il-laqgħa, li dari konna ngħidulha l-*partit,* u l-lum b'kelma Ingliża jgħidulha *engagement,* kulħadd imur lejn daru. Imbagħad, meta jgħaddi xi ftit taż-żmien, ngħidu aħna xi sena jew ftit iż-jed jew ftit anqas, isir it-tieġ. L-għarus flimkien ma' xi żgħażagħ ħbieb tiegħu joħroġ mid-dar u jmur għand l-għarusa li tkun tistennieh flimkien ma' xi xebbiet ħbieb tagħha u jeħodha d-dar tiegħu bid-daqq u l-għana u d-dawl tat-torċi. U hekk l-għarusa tidħol f'dar l-għarus u ssir martu. L-ikel u x-xorb u d-daqq u l-għana u l-ferħ ma jonqsux.

Dak li ma jaqbel xejn mad-drawwiet u l-liġijiet tagħna hu li fi żmien l-għerusija, jew qabel it-tieġ, l-għarajjes, għalkemm kull wieħed qiegħed f'daru, kienu meqjusin bħala miżżewġin u kellhom id-drittijiet ta' miżżewġin. Għalhekk jekk għarusa tonqos lill-għarus, tieħu l-piena tal-mewt bħal waħda miżżewġa li tonqos lil żewġha. U l-għerusija ma kenitx tista' tinħall

kif ġieb u laħaq, imma għal xi raġuni serja, bil-miktub u bix-xhieda.

Issa nistgħu nifhmu aħjar l-istorja taż-żwieġ ta' Marija u Ġużeppi. Ġużeppi ftiehem ma' missier Marija fuq il-flus li kellu jħallas; ħallas; saret il-laqgħa għand missier Marija li kienet tfisser li l-għarajjes kienu kuntenti b'xulxin; saret daqsxejn ta' festa tal-familja, u mbagħad Ġużeppi mar f'daru u Marija baqgħet f'darha. Imma quddiem il-liġi kienu qishom miżżewġin. F'dan iż-żmien deħrilha l-Anġlu u ħabbrilha li kellha tkun omm Alla. Malli Marija qalet il-kelmiet: "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej; ikunli skond kelmtek" (Luqa I, 38), sar il-misterju, Marija saret omm, l-Iben t'Alla sar bniedem f'ġufha. B'dan kollu Ġużeppi kien għadu ma jaf xejn.

Kien qalilna l-Anġlu li Eliżabet qaribitha kienet saret omm fi xjuħitha. Ferħet Marija malli semgħet dan u telqet minnufih għal għandha u damet madwar tliet xhur magħha (Luqa I, 39-45. 56). Imbagħad reġgħet lura lejn darha. Sadattant Marija bdiet turi xi sinjali li saret omm. Ħadd ma stagħġeb, għax, bħalma għidna, l-għarajjes kellhom id-drittijiet tal-miżżewġin, u għalhekk Marija setgħet issir omm qabel it-tieġ. Imma stagħġeb Ġużeppi, għax kien jaf li hu ma kienx missier it-tarbija. X'jagħmel? L-Evanġelju jgħid li Ġużeppi kien "raġel sewwa" (Matt. I,19), jiġifieri jħares il-liġi, jimxi mal-liġi f'kollox. Mela skond il-liġi kellu jħarrikha, u Marija kienet teħel il-piena tal-mewt. Dan Ġużeppi qatt ma ried jagħmlu; kien jaf biżżejjed il-qdusija ta' Marija. Xi jagħmel? Ġieħ ħsieb. Iħassar l-għerusija; jinfired minn Marija; iġib żewġ xhieda u jgħid bil-miktub li hu ma għadux aktar l-għarus ta' Marija. Jista' jkun ukoll li Ġużeppi ntebaħ li hemm xi misterju fin-nofs u deħirlu li ma kienx jixraqlu li jkun ir-raġel ta' mara qaddisa bħal Marija li fiha kienet tidher b'mod l-aktar ċar is-setgħa t'Alla. Waqt li Ġużeppi kien f'dan il-ħabar ta' dwejjaq, deherlu l-Anġlu u serraħlu moħħu billi qallu: "La tibżagħx tieħu għandek lil Marija, għarusa' tiegħek, għax dak li tnissel fiha hu minn Ruħ il-Qodos" (Matt. I, 20). U Ġużeppi serraħ moħħu u ftit wara sar it-tieġ kif kien isir dak iż-żmien. Nhar it-tieġ Marija daħlet tgħammar f'dar Ġużeppi bħala martu, u għalhekk il-kelmiet ta' San Mattew "qabel ma għammru flimkien" (I, 18) ifissru: "qabel ma marru joqogħdu flimkien f'dar waħda, jiġifieri qabel it-tieġ, u ma jfissrux: "qabel ma qagħdu flimkien bħala miżżewġin". Mela l-kliem ta' San Mattew ma jfisser xejn kontra l-verġinità ta' Marija. U minn dan naraw kemm hu meħtieġ li wieħed ikun jaf id-drawwiet u l-liġijiet ta' dawk iż-żminijiet biex nifhmu sewwa l-Evanġelju.

Ma nafux kemm għadda żmien mit-tagħrifa ta' l-Anġlu lil Ġużeppi sat-tieġ. Imma ma għaddiex żmien wisq. Setgħu għaddew xahrejn, tlieta. L-Evanġelju ma jsemmi xejn fuq it-tieġ ta' Ġużeppi u Marija. Biss għandna naħsbu li wara li l-Anġlu naħħa kull dubju minn moħħ Ġużeppi, dan ma damx ma tejjeġ.

Ftit wara t-tieġ Ġużeppi u Marija marru Betlehem minn Nazaret biex jinkitbu skond l-ordni tal-imperatur Awgustu. Kif kienu hemm twieled Ġesù. Mela Ġesù twieled ftit xhur wara ż-żwieġ jew wara t-tieġ ta' Ġużeppi u Marija. Imma hawn San Luqa jgħid kelma li tfixkilna. Lil Marija jgħidilha "għarusa" ta' Ġużeppi (2, 5). Mela kienu għadhom mhux miżżewġin. Fil-Vulgata u f'xi manuskritti Griegi hemm ukoll il-kelma "martu"; imma din tidher li hi żjieda

biex turi li Ġesù twieled wara ż-żwieġ ta' Marija. Naħseb li San Luqa għażel il-kelma "għarusa" flok "mara" għal t'apposta, biex ma jagħtix lil wieħed x'jaħseb li Ġesù twieled minn Marija u Ġużeppi bħalma jitwieldu trabi oħra minn omm u missier. Imqar illum lil San Ġużepp ngħidulu l-għarus ta' Marija, mhux żewġha għalkemm hu tassew żewġha. Iż-żwieġ ta' Marija u Ġużeppi kien rabta ta' żewġt iqlub safja, u Ġesù kien il-frott tal-Ispirtu s-Santu mhux il-frott tal-imħabba ta' raġel u mara.

Fi ftit kliem l-istorja taż-żwieġ ta' Marija kienet din: Marija u Ġużeppi tgħarrsu; Marija, wara t-tħabira tal-Anġlu, saret omm bl-opra tal-Ispirtu s-Santu; Marija tmur għand qaribitha Elisabet. Ġużeppi jintebaħ li l-għarusa tiegħu saret omm u beda jaħseb biex jitlaqha. l-Anġlu serraħlu moħħu u Ġużeppi żżewweġ lil Marija. Wara marru jinkitbu Betlehem u hemm Marija kellha tarbija, Ġesù.

P. P. Saydon.

---

# IR-RAMDAN F'ĠERUSALEM

Meta jiġi daż-żmien, żmien ir-Ramdan, inħoss lil qalbi trid trabbi l-ġwienaħ, u ttir u tgħaddi l-baħar u tinżel Ġerusalem.

Għax għalija, li għaddejt żmien twil Ġerusalem, ir-Ramdan kien ikun żmien ta' hena. M'hux hena tax-xalar, imma hena tas-swied il-qalb u nniket; dak il-hena biered u kiebi, li jħoss f'qalbu kull bniedem għal xi ġrajja ta' hemm, li ikun jaf imma li wara sa tisfa lu ta' ġid.

Ġerusalem miżgħuda bit-tifkiriet tattbatija u l-mewt ta' Ġesù. Hemm iċ-Ċenaklu, il-lum f'idejn il-Lhud. Hemm il-Ġetsemni, f'idejn il-Franġiskani ta' Ġieżu. Hemm id-djar tal-qassisin Ħanna u Kajfa, għand ir-rħieb Armeni. Hemm il-Qorti ta' Pilatu, illum magħmula dar tal-ltiema Misilmin. Hemm il-misraħ ta' quddiem il-qorti, qisu kollu tal-Franġiskani li bnew fih żewġ knejjes żgħar. Fejn Ġesù ltaqa' m'Ommu Marija hemm knisja tar-rħieb Armeni Kattolki. F'minkeb tattriq fejn tibda t-telgħa tal-Kalvariu, hemm kamra mudlama magħmula knisja li tfakkar fejn Xmun il-Kirjani rafa' s-salib ta' Ġesù. F'xi nofs it-telgħa hemm knisja oħra, mudlama wkoll, f'idejn il-Griegi Kattolki fejn il-



ĠERUSALEM. — Il-knisja tal-Kundanna mibnija mill-Franġiskani fil-Pretorju ta' Pilatu.